# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 17**

**Avviz numru 890/00/SM**

**Korporazzjoni EneMalta**

**vs**

**Antonio Guiga**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datata t-13 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltija wiehed u tletin centezmu (LM526.31,0), rapprezentanti materjal u xoghol konness mad-danni li kienu kkagunati minnhu u/jew minn terzi fuq inkarigu tieghu f' "high tension cable",**

**f'Notabile Road, H'Attard, fl-10 ta' Novembru 1998, oltre l-interessi fuq l-istess ammont, mid-data minn meta kien dovut l-ammont relattiv sad-data tal-pagament effettiv;**

**2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja ta' Settembru 1999, u bil-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih stante illi ghall-incident in kwistjoni la huwa u lanqas terzi mqabbda minnu ma kienu respsonsabbli;**

**2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tad-9.30 p.m. jew l-10.00 p.m. fl-10 ta' Novembru ta' l-1998;**

**2. Illi meta l-konvenut kien qed jghamel xogholijiet f'Notabile Road, H'Attard, intlaqat "cable" tad-dawl u giet ikkagunata l-hsara reklamata mill-korporazzjoni attrici;**

**3. Illi jirrizulta li l-konvenut ghamel hafna zmien jistenna d-diversi rapprezentanti ta'**

**korporazzjonijiet biex jigu fuq il-post biex jindikawlu ezatt fejn kellu jhaffer;**

4. **Illi fuq insistenza ta' impjegati tal-Korporazzjoni ta' l-Ilma, l-konvenut beda x-xoghol ghaliex jidher li kien hemm xi urgenza kbira, nonostante li ma riedx jghamel dan;**

5. **Illi huwa haffer fuq indikazzjonijiet li kienu tawh id-diversi rapprezentanti tal-korporazzjonijiet li kienu prezenti fuq il-post;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher ovvju li l-konvenut irrifjuta li jezegwixxi x-xoghol minghajr ma jkollu l-"fiat" ta' kull min kien ikkoncernat;**

**Illi bejn l-inattivita' tar-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici u l-insistenza ossessiva tar-rapprezentanti tal-korporazzjoni interessata l-konvenut kien ordnat jeffettwa x-xogholijiet;**

**Illi ghalhekk r-responsabbilita' ghall-akkadut tirrisjedi f'seda ohra u mhux dik li l-korporazzjoni attrici qed tindika fl-azzjoni odjerna;**

**Ghaldaqstant din il-qorti ma tqisx li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mill-korporazzjoni attrici u konsegwentement tilliberah bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**